**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 19 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru: 275/2009 MLF**

**George Azzopardi**

**vs**

1. **Joseph Mizzi**
2. **Power Point Limited**
3. **Power Point Distributions Limited u b'digriet datat 17 ta' Mejju 2010 il-kelma "Distributions" giet sostitwita bil-kelma "Trading"**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tal-attur fejn talab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati ihallsu l-ammont ta' hdax-il elf u wiehed u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€11,021.29) rapprezentanti somma ta' hlas dovut minn somma akbar ta' xogholijiet li saru fi blokka bini inkluz xoghol ta' drains fix-xaft u fil-penthouse ta' l-istess blokka bini li l-attur kien gie mqabbad mill-konvenuti biex jaghmel, u li l-konvenuti baqghu inadempjenti li jhallsu wara li gew interpellati b'zewg ittri legali datati 23 ta' Dicembru 2008 u 27

t'April 2009 dwar l-imsemmija xogholijiet ta' blokk t'appartamenti li jinsab gewwa Qawra Coast, Qawra.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali u dawk taz-zewg ittri legali.

2. Rat ir-risposta tal-konvenuti Joseph Mizzi u Power Point Trading Limited fejn eccepew:

    i. Illi primarjament l-intimat Joseph Mizzi mhux il-legittimu kontradittur stante illi kull ftiehim li sar bejn rikorrenti Azzopardi George in rigward xogholijiet ta' installar ta' sistemi tal-elettriku kien esklussivament mas-socjeta Power Point Trading Ltd (C-37789) u dan kif jirrizulta minn skrittura privata li tkun esebita fi stadju ta' provi;

    ii. Illi minghajr pregudizzju, l-ammont rikjest certament mhux dovut lir-rikorrenti stante illi inversament l-esponenti intimat fil-kawza huwa kreditur ghall-ammont ta' seba t'elef tlett mija w seba' w sebghin Ewro u sebgha u sittin centezmu (Euro 7377.67), rapprezentanti apparat elettriku versat lir-rikorrenti sabiex jkun installat fi zmien u lok determinat;

    iii. Illi l-esponent interpella permezz ta' diversi ittri bonarji lir-rikorrenti sabiex jersaq ghall eventwali hlas ta' din is-somma kif ukoll ser jirrizulta waqt il-mertu tal-kawza;

    iv. Illi kien appuntu l-istess rikorrenti George Azzopardi illi abbanduna l-appalti u xogholijiet fdati lilu naxxenti mill-ftiehim u skrittura patwita bejn rikorrenti u s-socjeta 'Power Point Trading Ltd', meta dawn ix xogholijiet kienu ghadhom fi stadju inizjali taghhom, b'kagun ta' danni lil istess socjeta;

    v. Illi r-rikors kif prezentat mir-rikorrenti Azzopardi huwa wiehed wkoll difettuz stante illi huwa ingunga bhala intimati socjeta estranea ghall-mertu fil-kawza. It-tieni socjeta ingunta fil-kawza, cioe 'Power Point Limited', (C-19619) hija kompletament estranea ghal ftehim patwit mertu fil-kawza, stante illi l-istess

socjeta ilha zmien twil mhux attiva fil-kummerc u dan kif ser jirrizulta waqt il-provi tar-rikors;

vi. Illi wkoll it-tielet socjeta ingunta fil-kawza giet kwotata erronjament bhala 'Power Point Distributions Limited' (C-37789), meta s-socjeta propria mertu fil-kawza hija korrettament registrata bl-istess numru C-37789, *pero* bl-isem ta' Power Point Trading Limited;

vii. Illi residenza fejn r-rikorrenti ngunga lis-socjetajiet msemmija hija wkoll skorretta u li ghalhekk kien hemm problemi ta' notifiki fl-istess rikors;

viii. Illi b'hekk it-talbiet kif mressqa fir-rikors promotur huma frivoli u vessatorji ghal ahhar, kif ser jirrizulta waqt il-mertu fil-kawza, stante illi kien appuntu r-ikorrenti innifsu illi ikkaguna danni likwidi u certi lil intimati bl-agir tieghu fejn abbanduna l-appalti lilu fdati permezz ta' sub-contracting kif ser jkun mertu fil-kawza wkoll.

3. Rat il-kontro-talba tal-konvenuti Joseph Mizzi u Power Point Trading Limited li in forza taghha talbu li l-attur ikun ikkundannat li jhallashom l-ammont ta' seba t'elef, tlett mija seba w sebghin ewro (Ewro 7377), rapprezenanti f'sorte u apparat liema ammont huwa dovut lis-socjeta rikorrenti Power Point Trading Ltd, (C 37789), bl-ispejjez u bl-imghax legali, u dan wara li premettew hekk:

i. Illi rikorrenti huma kredituri ghall-ammont ta' seba t'elef tlett mija seba' w sebghin Ewro (7377 Ewro) liema ammont huwa cert likwidu u dovut minn George Azzopardi ta' 25, Triq l-Imsaqqfin, Mosta;

ii. Illi dan l-ammont dovut huwa naxxenti minn sub-contracting miftiehem bejn is-socjeta Power Point Trading Limited (C-37789) u George Azzopardi, u dan specifikament sabiex Azzopardi jinstalla, u jesegwixxi diversi xogholijiet lilu assenjati permezz tal-istess ftehim msemmi;

iii. Illi s-socjeta rikorrenti f'din il-kontro-talba, effettivament ivversat diversi sorte u materjal lil Azzopardi George liema valur taghhom jammonta ghall-seba t'elef,

tlett mija seba w sebghin ewro (7377 Ewro) u dan kif ser jirrizulta mill-mertu fil-kawza;

iv. Illi rikorrenti soffrew danni likwidi, u certi kagun tal-abbandun da parti ta' Azzopardi George mill-appalti li taghhom kellu jonora bhala sub-contracting mis-socjeta rikorrenti, liema danni qed jigi riservati ghall-eventwali proceduri ulterjuri.

4. Rat ir-risposta tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuti Joseph Mizzi u Power Point Trading Limited fejn eccepixxa:

i. Illi t-talbiet ta' Power Point Trading Limited u Joseph Mizzi ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt u kemm fid-dritt;

ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat li l-materjal u sorte indikati fil-paragrafu 3 tal-kontro-talba u li huwa indikat li ghandu valur ta' €7377 mill-intimati, dawn fil-fatt kienu ittiehdu mill-istess George Azzopardi fil-prezenza ta' terzi wara li kienu gew imqeghda f'garaxx mhux ta' l-attur fil-fond fejn kienu qed isiru x-xogholijiet liema garaxx kellhom access ghalih il-kontendenti kollha;

iii. Illi ghalhekk it-talba ta' l-intimati fil-kontro-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-intimati.

5. Rat illi s-socjeta' konvenuta Power Point Limited baqghet qatt ma giet debitament notifikata bir-rikors promotur stante li l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni ma gietx segwita b'mod shih mill-attur u dan peress li mill-atti ma jirrizultax li r-rikors promotur inhareg f'gurnal ta' kuljum wiehed kif mahsub fl-Artikolu 187(5) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, u kif ordnat minn din il-Qorti diversament preseduta permezz tad-digriet datat 9 ta' Dicembru 2009.

6. Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur u semghet it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Il-Fatti**

8. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Fis-6 ta' Marzu 2006 l-attur u l-konvenut iffirmaw skrittura li permezz taghha gie maqbul li l-attur kellu jwettaq diversi xogholijiet ta' installazzjoni ta' dawl u ilma fi blokk ta' appartamenti gewwa l-Qawra. F'din l-iskrittura l-partijiet qablu dwar il-kundizzjonijiet u l-prezzijiet ta' dawn ix-xogholijiet, fosthom li l-materjal kellu jigi fornit mill-kumpanija. Qablu wkoll li l-hlas kellu jsir meta x-xoghol fuq dak il-blokk ikun kompletat u li tali l-hlas kellu jsir in kwantu ghal sittin fil-mija (60%) permezz ta' *cheque,* u in kwantu ghar-rimanenti erbghin fil-mija (40%) permezz ta' tpartit ma' materjal supplit mill-kumpanija. Fl-iskrittura ma hemmx indikat l-isem ta' din il-kumpanija. Hemm qbil bejn il-partijiet li dan il-ftehim kien ta' sub-appalt.

ii. L-attur xehed li x-xogholijiet kellhom isiru fuq hames blokok ta' appartamenti li kienu jinkludu ghaxar appartamenti f'kull blokk, u li dawn il-blokok kienu jappartjenu lil certu Charles Gauci. Qal li l-ftehim kien li l-materjal kellu jigi provdut mill-konvenut. Xehed li hekk kif lesta mix-xoghol ta' *conduit* fuq l-ewwel blokk, il-konvenut kien tah struzzjonijiet biex jibda x-xoghol fuq it-tieni blokk u dan ghaliex il-konvenut kien qallu li jekk ma jaghmilx hekk is-sid, u cioe' s-Sur Gauci, kien ser iqabbad lil terzi biex jaghmlu x-xogholijiet fuq il-blokok l-ohra.[1] Spjega li f'dak l-istadju l-installazzjoni fuq l-ewwel blokk ma setghetx tigi kompletata stante li l-konvenut kien naqas milli jfornih bil-materjal necessarju.

iii. L-attur kompla jixhed li meta x-xoghol ta' *conduit* fuq it-tieni blokk kien kompletat, huwa kien talab lill-konvenut sabiex jghaddilu l-ewwel pagament. Il-konvenut kien accetta u ghaddielu pagament ta' Lm1,000. Spjega li kien talab hlas iehor lill-konvenut meta kien installa l-*wires* fl-ewwel tlett blokok, u kien

[1] Ara x-xhieda tal-attur a *fol.* 35 tal-process

beda ukoll bl-installazzjoni tal-*plumbing.* Qal li matul l-andament tax-xogholijiet huwa kien ircieva minghand il-konvenut s-somma komplessiva ta' Lm5,000.[2]

iv. Xehed li f'dan l-istadju kien inqala dizgwid bejnu u l-konvenut dwar il-bilanc li kien ghadu dovut lilu mill-konvenut. Xehed li kien gie inkarigat surveyor sabiex jikkwantifika x-xogholijiet li kienu saru minnu sa dak iz-zmien. Spjega wkoll li huwa kien izomm il-materjal u l-ghodda tieghu f'garaxx li jinsab taht wahda minn dawn il-blokok. Xehed li darba minnhom kien mar f'dan il-garaxx u sabu mbattal u li l-konvenut kien ammetta mieghu li kien l-istess konvenut li ha dawn l-oggetti. Fuq il-post kien sab terzi jahdmu minfloku u ghalhekk ma kienx kompla bix-xogholijiet.[3]

v. Il-konvenut spjega li huwa direttur tas-socjeta' konvenuta Power Point Trading Limited. Xehed li l-ftehim mal-attur kien li x-xogholijiet kellhom isiru minghajr interruzzjonijiet, u li l-hlas lill-attur kellu jsir meta x-xoghol fuq il-blokk partikolari jkun kompletat. Spjega li minkejja dan il-ftehim, matul l-andament tax-xogholijiet u fuq insistenza tal-attur kien ghaddielu diversi pagamenti akkont ghal total ta' Lm5,000. Spjega ukoll li matul dan iz-zmien, l-attur kien jixtri minghand is-socjeta' konvenuta materjal ghal bzonnijiet personali tal-attur u li ghalhekk ma kienx relatat max-xogholijiet li l-attur kien qieghed iwettaq fil-blokok in kwistjoni. Qal li b'kollox l-attur kien ha minghand is-socjeta' konvenuta materjal b'valur komplessiv ta' €7,377.67, u li ta' dan il-materjal l-attur ma kien hallas xejn.[4]

vi. Il-konvenut kompla jixhed li kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn l-attur ma kienx imur jahdem fuq il-post u ghalhekk ix-xoghol waqa' lura. Qal li din is-sitwazzjoni baqghet ghaddejja ghal madwar sentejn, sakemm f'Mejju tal-2008 kien baghat ittra lill-attur fejn talbu jiffinalizza x-xogholijiet fi zmien tmien gimghat.[5] Il-konvenut kompla jixhed li l-attur xorta wahda baqa' ma kompliex bix-xogholijiet u ghalhekk bdiet korrispondenza bejn il-partijiet tramite l-

[2] Ara x-xhieda tal-attur in kontro-ezami a *fol.* 45 tal-process.
[3] Ara x-xhieda tal-attur a *fol.* 35 tal-process
[4] Ara x-xhieda tal-konvenut a *fol.* 85 u 111, u rendikont immarkat Dok JM1 a *fol.* 83 tal-process
[5] Ara l-ittra datata 23 ta' Mejju 2008 a *fol.* 58 tal-process

avukati taghhom.[6] Il-konvenut xehed ukoll li waqt li kienet ghaddejja din il-korrispondenza, huwa kien hallas lill-attur somma addizzjonali ta' LM500.

vii. Saviour Grech xehed li huwa kien gie inkarigat mill-konvenut sabiex ikompli bix-xogholijiet ta' installazzjoni ta' elettriku u ilma fil-blokok in kwistjoni u li ta' dawn huwa kien thallas bil-gurnata minghand il-konvenut. Spjega li dawn ix-xogholijiet kienu nbdew minn terzi u eventwalment gew kompletati minnu. Ix-xhud esebixxa rendikont minn fejn jirrizulta li huwa beda jahdem fit-23 ta' Dicembru 2008 u baqa' ghaddej bix-xogholijiet sad-29 ta' Mejju 2009.[7]

viii. Charles Cauchi xehed li l-konvenut kien inkarigah biex jaghmel xogholijiet ta' installazzjoni ta' katusi fil-hames blokok mertu tal-kawza, u li ta' dawn ix-xogholijiet huwa kien hareg fattura lill-konvenut.[8]

ix. Fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2017, l-attur esebixxa rendikont ta' kif wasal ghal ammont li jippretendi li hu dovut lilu. Minn dan ir-rendikont jirrizulta li skond l-attur ix-xogholijiet kollha imwettqa minnhu jammontaw ghas-somma ta' €30,084.88. Fix-xhieda tieghu moghtija f'dan l-istadju tal-proceduri spjega li meta minn din is-somma jitnaqqsu l-pagamenti li huwa rcieva fl-ammont ta' €11,646.87 (Lm5,000) u l-ammont ta' €7,416.72 li hu ha bhala materjal minghand is-socjeta' konvenuta, jifdal bilanc li ghad fadal x'jithallas lilu fl-ammont ta' €11,021.29.[9]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Ewwel Eccezzjoni – Legittimu Kuntradittur*

9. Permezz ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut Joseph Mizzi isostni li hu mhuwiex il-legittimu kuntradittur tat-talbiet attrici u dan stante li kwalunkwe ftehim li sar mal-attur kien qieghed isir ghan-nom tas-socjeta' konvenuta Power Point Trading Limited.

[6] Ara f'dan ir-rigward l-ittri legali a *fol.* 41 sa 43, 59 u 60 tal-process
[7] Ara x-xhieda ta' Saviour Grech a *fol.* 70 u 77 tal-process u r-rendikont a fol. 79 tal-process
[8] Ara x-xhieda ta' Charles Cauchi a *fol.* 72 tal-process
[9] Ara x-xhieda ta' George Azzopardi a *fol.* 180 tal-process u r-rendikont u l-fatturi relattivi a *fol.* 192 tal-process

10. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Cilia noe vs Charles Scicluna** moghtija fis-27 ta' April 1992 il-Qorti tal-Kummerc[10] spjegat illi *"hija haga minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta li f'isem haddiehor."*

11. F'din il-kawza l-attur qed jitlob hlas ta' bilanc relattiv ghal xogholijiet li allegatament saru fi blokk t'appartamenti li jinsab gewwa Qawra Coast, Qawra. Mill-provi prodotti jirrizulta inkontestat li l-inkarigu tal-attur inghata permezz ta' skrittura privata datata 6 ta' Marzu 2006, u mill-liema skrittura jirrizultaw it-termini u l-kundizzjonijiet tal-appalt. Huwa minnu li fil-kliem uzat f'din l-iskrittura ma giex iddikjarat b'mod espress li l-konvenut Joseph Mizzi kien qieghed jidher bhala rapprezentant ta' socjeta' b'responsabilita' limitata. Madankollu il-kliem uzat f'din l-iskrittura bhal *"All material will be supplied by the company… …"* u *"… … bartering with goods supplied by the company"* ma jhallu ebda dubju f'ghajnejn il-Qorti li l-attur kien konsapevoli li dan l-appalt kien qieghed jinghatalu minn kumpanija u mhux mill-konvenut personalment.

12. Mis-suespost, il-Qorti hija fehma li l-konvenut Joseph Mizzi mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri, u konsegwentement se tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

<u>*Il-Mertu*</u>

13. F'dan il-kaz it-talba tal-attur u l-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta ser jigu kkunsidrati flimkien stante li huma intrinsikament relatati u marbuta ma' xulxin.

14. L-attur qieghed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsuh €11,021.29 rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' xogholijiet li saru f'diversi blokok ta' appartamenti gewwa l-Qawra.

[10] *Per* Imhallef Joseph D. Camilleri.

15. Ghal din it-talba, is-socjeta' konvenuta Power Point Trading Limited ressqet numru ta' eccezzjonijiet li permezz taghhom opponiet ghat-talba tal-attur u dan fuq il-bazi li: (i) hija kreditrici tal-attur fis-somma ta' €7,377.67 rapprezentanti oggetti u materjal supplit lill-attur, u f'dan is-sens ipprevalixxiet ruhha mit-talba tal-attur sabiex intavolat il-kontro-talba relattiva, u (ii) kien l-attur li abbanduna l-appalt meta dawn ix xogholijiet kienu ghadhom fi stadju inizjali taghhom.

16. Il-Qorti tibda billi tosserva li huwa principju fondamentali fil-kamp civili illi jinkombi fuq l-attur l-oneru sabiex jipprova l-kaz tieghu, ghaliex fin-nuqqas il-gudikant ikun kostrett jillibera lill-konvenut ghab-bazi tal-massima legali illi *actore non probante reus absolvitur*. F'dan ir-rigward, fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et vs Carmelo Pace** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Marzu 1986, inghad illi:

> *"Il-piz tal-prova ta' dak li hemm allegat fic-citazzjoni … … jinkombi fuq l-atturi li qeghdin jaghmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bazi ghall-principju legali 'ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat'. Il-Qrati taghna pero`, fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti, jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili fis-sens illi filwaqt illi f'kawza kriminali l-htija ta' l-akkuzat trid tigi ppruvata 'beyond reasonable doubt', f'kawza civili bizzejjed li jkun hemm 'moral certainty', certezza morali f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm 'a mere possibility'. Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali, rikjesta f'kawza civili, hija l-effett tal-'balance of probabilities'."*

17. F'dan il-kaz, il-provi mressqa mill-attur sabiex jipprova l-kaz tieghu kienu jikkonsistu fix-xhieda tieghu stess u fix-xhieda ta' Umberto Bruno. Waqt id-deposizzjoni tal-attur fiz-zmien meta dawn il-proceduri kienu ghadhom fi stadju ta' provi tieghu, l-attur ma ta ebda spjegazzjoni dwar f'hiex kien jikkonsisti l-ammont minnu mitlub f'din il-kawza. In oltre, l-attur lanqas ta spjegazzjoni dwar kif il-pagamenti li huwa kien qieghed jircievi minghand is-socjeta' konvenuta waqt l-andament tax-xogholijiet fl-ammont komplessiv ta' Lm5,000 (ekwivalenti ghal €11,646.87) tnaqqsu mill-bilanc li huwa qieghed jippretendi, jew liema kontijiet gew imhallsa permezz ta' dawn il-pagamenti.

18. L-unici dokumenti li l-attur esebixxa kienu kopja tal-iskrittura datata 6 ta' Marzu 2006 li permezz taghha inghatalu l-appalt, u kopji ta' uhud mill-ittri legali li gew skambjati bejn il-partijiet, u cioe':

    i. ittra legali datata 23 ta' Dicembru 2008 li permezz taghha kien interpella lill-konvenut sabiex ihallsu s-somma ta' €10,160.[11]

    ii. ittra legali datata 15 ta' Jannar 2009 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta informat lill-attur li huwa kien diga' thallas ta' xogholu u li stante li ma kienx ipproceda bix-xogholijiet, kellhom jigu inkarigati terzi.[12]

    iii. ittra legali datata 27 ta' April 2009 li permezz taghha l-attur kien rega' interpella lill-konvenut sabiex ihallsu s-somma ta' €11,021.29, liema somma skond l-attur kienet tinkludi l-bilanc ta' €10,160 imsemmi fl-ittra precedenti u somma ohra ta' €861.29 rapprezentanti xogholijiet addizzjonali ta' installazzjoni ta' katusi.[13]

19. Fix-xhieda tieghu Umberto Bruno jillimita ruhu billi jghid li huwa kien imur jahdem mal-attur fuq il-blokok in kwistjoni, u li kien hemm okkazzjonijiet fejn saru telefonati fil-presenza tieghu li fihom l-attur kien jitlob lil Joseph Mizzi sabiex ihallsu.[14]

20. Kien biss fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2017, intiza sabiex l-attur iressaq il-provi tieghu dwar il-kontro-talba, li l-attur ghall-ewwel darba pproduca rendikont ta' kif wasal ghall-ammont minnu pretiz fil-kawza. Ghab-bazi ta' dan ir-rendikont, l-attur jikkontendi li huwa ghamel xoghol b'valur komplessiv ta' €30,084.88, u li meta minn dan l-ammont jitnaqqsu s-somma ta' €11,646.87 rapprezentanti l-pagamenti li rcieva waqt l-andament tax-xogholijiet u s-somma ta' €7,377.67 rapprezentanti oggetti u materjal supplit lilu mis-socjeta' konvenuta, kien jifdal bilanc favur tieghu fis-somma ta' €11,021.29, u cioe' l-ammont pretiz minnu fil-kawza.[15]

---

[11] Ara din l-ittra a *fol.* 41 tal-process
[12] Ara din l-ittra a *fol.* 43 tal-process
[13] Ara din l-ittra a *fol.* 42 tal-process
[14] Ara x-xhieda ta' Umberto Bruno a *fol.* 49 tal-process
[15] Ara r-rendikont immarkat bhala Dok GA1 a *fol.* 192 tal-process.

21. Il-Qorti tqis li r-rendikont esebit mill-attur ma huwiex wiehed kredibbli, u dan ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok, l-istadju li fih dan ir-rendikont gie esebit mill-attur, u cioe' kwazi tminn snin wara li kienet inbdiet din il-kawza, jindikaw li dan ir-rendikont kif esebit gie mhejji jew finalizzat fil-mori tal-proceduri. Dan qieghed jinghad stante li minkejja r-rendikont u l-fatturi annessi mieghu igibu d-data tat-22 ta' Dicembru 2008, il-bilanc indikat f'dan ir-rendikont ma jinkludix fattura ohra datata 9 ta' Frar 2009 relattiva ghal *Drainage and Water Rain Pipes* fl-ammont ta' €861.29. Ghalhekk dan ir-rendikont ma jaqbilx ma' dak li kien inghad mill-attur fl-ittra legali tieghu tat-23 ta' Dicembru 2008 fejn kien talab li jithallas il-bilanc fis-somma ta' €10,160. Kien biss fl-ittra legali tas-27 ta' April, 2009 li l-attur kien qal li l-bilanc kien tela' ghal €11,021.29 wara li mal-bilanc ta' €10,160 zdiedet is-somma ta' €861.29. L-attur ma jaghti ebda spejgazzjoni kif f'dan ir-rendikont il-bilanc allegatament dovut lilu xorta wahda baqa' fis-somma ta' €11,021.29 minkejja li kif inghad tali bilanc ma jinkludix is-somma ta' €861.29.

22. Fit-tieni lok, il-Qorti tinnota wkoll diskrepanza fil-verzjoni moghtija mill-attur fil-bidu ta' dawn il-proceduri fejn kien xehed li kien ghamel xoghol ta' *plumbing* fuq tlett blokok,[16] mentri imbaghad meta wiehed jara l-kontijiet tieghu jidher li l-attur inkluda prezzijiet ghal *plumbing* fuq hames blokok, u cioe' Blokk A, B, C, D u E. Anke f'dan ir-rigward l-attur jonqos milli jaghti spjegazzjoni. Dawn id-diskrepanzi, maghduda mal-fatt li Umberto Bruno stess jghid li "*ix-xoghol kien inbeda u fil-fatt konna wasalna tliet (3) blokki*",[17] jimmiltaw kontra l-kredibilita' tal-attur.

23. Fit-tielet lok, mill-atti jirrizulta li permezz ta' ittra datata 23 ta' Mejju 2008, is-socjeta' konvenuta filwaqt li interpellat lill-attur sabiex ikompli bix-xogholijiet infurmatu li sa dak inhar is-socjeta' konvenuta kienet irceviet kont wiehed biss minghand l-attur fis-somma ta' Lm2,142. Mill-atti ma jirrizultax li l-attur kompla bix-xogholijiet oltre din id-data. Lanqas jirrizulta li l-attur ghadda lis-socjeta' konvenuta kopja tal-kontijiet esebiti minnu f'din il-kawza.

24. Finalment, il-Qorti tinnota wkoll l-attur kien xehed li *"... ... prezenti jiena ngieb surveyor fuq il-post u ahna dorna kull blokk b'mod dettaljat. Is-surveyor hareg il-kont*

[16] Ara x-xhieda tal-attur a *fol.* 37 tal-process.
[17] Ara x-xhieda ta' Umberto Bruno a *fol.* 49 tal-process.

*dovut lili u ghaddieh lil Charles Gauci."*[18] Minkejja din ix-xhieda, l-attur la pproduca bhala xhud lil dan is-surveyor u lanqas lil sid il-blokok Charles Gauci. Id-deposizzjoni ta' dawn ix-xhieda setghet titfa' dawl fuq il-kwantita' tax-xogholijiet imwettqa mill-attur, partikolarment in vista tal-kontestazzjoni tas-socjeta' konvenuta li l-attur kien gja thallas ghax-xoghol kollu li kien ghamel. Ghal darba ohra l-attur ma jispjega bl-ebda mod dan in-nuqqas, li fil-fehma tal-Qorti huwa sinjifikanti f'cirkostanzi bhal ma huma dawk odjerni fejn hemm kunflitt car fil-verzjonijiet.

25. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis li l-attur ma rnexxilux jipprova, sal-grad rikjest mill-ligi, li s-somma minnu pretiza hija dovuta mis-socjeta' konvenuta.

26. Il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta tirrapprezenta l-prezz ta' materjal supplit minnha lill-attur. Minkejja l-mod xejn felici kif giet redatta r-risposta tal-attur ghal din il-kontro-talba, il-Qorti tosserva li matul il-proceduri il-posizzjoni addotta mill-attur kienet li l-prezz ta' dan il-materjal jirraprezenta tpartit mal-prezz tax-xogholijiet li huwa ghamel fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

27. Il-Qorti tosserva wkoll li mill-fatturi esebiti mis-socjeta' konvenuta jirrizulta li l-attur beda jakkwista l-materjal minghand is-socjeta' konvenuta f'Gunju tas-sena 2006 u baqa' jaghmel hekk matul l-andament tax-xogholijiet bl-ahhar fattura tkun dik datata 28 ta' Lulju, 2008.[19] Ghalhekk jirrizulta li s-socjeta' konvenuta baqghet tissuplixxi lill-attur anke wara l-ittra taghha datata 23 ta' Mejju 2008 fejn kien gja beda d-dizgwid bejn il-partijiet.

28. Fuq is-soliti kriterji tal-bilanc tal-probabilitajiet u tal-proponderanza tal-provi, fid-dawl tal-fatt ukoll li matul l-andament tax-xogholijiet is-socjeta' konvenuta kienet qeghda taghmel pagamenti akkont lill-attur, din il-Qorti tqis li huwa aktar verosimili li l-arrangament bejn il-partijiet kien li dawn il-fornituri wkoll kienu qeghdin isiru akkont tax-xogholijiet li kien qieghed jaghmel l-attur. Dan minkejja dak pattwit bejn il-partijiet fl-iskrittura tas-6 ta' Marzu 2006 li l-hlas kellu jsir meta x-xoghol fuq blokk ikun kompletat. Mill-provi jirrizulta li waqt l-andament tax-xogholijiet il-partijiet qablu li

[18] Ara x-xhieda tal-attur a *fol*. 38 tal-process.
[19] Ara r-rendikont tal-fatturi immarkat Dok JM1 a *fol*. 83 tal-process u l-fattura datata 28 ta' Lulju 2008 a *fol*. 123 tal-process.

ma jimxux ma' din il-kundizzjoni li kienu stabilew meta giet iffirmata l-iskrittura ta' bejniethom.

29. Huwa inverosimili li tghid li pagamenti li nghataw lill-attur waqt l-andament tax-xogholijiet kienu qeghdin isiru akkont tax-xogholijiet li l-attur kien qieghed jaghmel, u fl-istess nifs tghid li l-materjal li kien qieghed jinghatalu ma kellux x'jaqsam ma' dan l-arrangament. Huwa inverosimili li fuq perjodu ta' sentejn is-socjeta' konvenuta kompliet tissuplixxi lill-attur bil-materjal u qatt ma interpellatu ghall-hlas.

30. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni anke fid-dawl ta' dak li jirrizulta mill-ittra legali tas-socjeta' konvenuta datata 1 ta' Settembru 2008 fejn inghad li l-attur kien ircieva is-somma ta' €19,021.66 *"akkont ghal spejjez u xoghol tal-appalt"*.[20] Huwa evidenti li s-somma indikata mis-socjeta' konvenuta f'din l-ittra kienet tinkludi kemm il-pagamenti fi flus kontanti u anke l-fornitura ta' dan il-materjal akkont tax-xogholijiet li kien qieghed jaghmel l-attur. Finalment, anke fl-ittra legali sussegwenti datata 15 ta' Jannar 2009, s-socjeta' konvenuta illimitat ruha biex tirrileva li l-attur kien diga' thallas ta' xogholu, u ma semmiet xejn dwar il-kreditu li qeghda tallega li ghandha fil-kontro-talba taghha.[21]

31. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta ser tigi michuda.

**Konkluzjoni**

32. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

   1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Joseph Mizzi u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

   2. Tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta' konvenuta Power Point Trading Limited, u konsegwentement tichad it-talba tal-attur.

---

[20] Ara l-ittra datata 1 ta' Settembru 2008 a *fol.* 60 tal-process.
[21] Ara l-ittra datata 15 ta' Jannar 2009 a *fol.* 43 tal-process

3. Tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat u konsegwentement tichad il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez in konnessjoni mat-talba tal-attur ghandhom jigu subiti mill-attur, filwaqt li l-ispejjez in konnessjoni mal-kontro-talba, ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta Power Point Trading Limited.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**